



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Frar 2018
(OR. en)

6173/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0030 (NLE)

ECO 17
ENT 25
MI 88
UNECE 3

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għall-emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 6, 13, 13-H, 30, 37, 41, 43, 46, 51, 67, 79, 90, 107, 110, 118, 121, 122, 128, 140 u 142, tar-Riżoluzzjonijiet Konsolidati R.E.3 u R.E.5 u tar-Riżoluzzjoni Reċiproka M.R.1, fir-rigward ta' proposta għal Regolament Tekniku Globali tan-NU ġdid uniku
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa
tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għall-emendi tar-Regolamenti
tan-NU Nri 6, 13, 13-H, 30, 37, 41, 43, 46, 51,
67, 79, 90, 107, 110, 118, 121, 122, 128, 140 u 142,
tar-Riżoluzzjonijiet Konsolidati R.E.3 u R.E.5
u tar-Riżoluzzjoni Reċiproka M.R.1, fir-rigward ta' proposta
għal Regolament Tekniku Globali tan-NU ġdid uniku**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE¹, l-Unjoni ssieħbet fil-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) li jikkonċerna l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' daww il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958").
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE², l-Unjoni ssieħbet mal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għal vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel").

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

- (3) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ issostitwixxiet is-sistemi tal-approvazzjoni tal-Istati Membri bi proċedura ta' approvazzjoni tal-Unjoni, u stabbilixxiet qafas armonizzat li fih dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi ġenerali għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dik id-Direttiva inkorporat regolamenti tan-NU adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 (“Regolamenti tan-NU”) fis-sistema tal-UE tal-approvazzjoni tat-tip, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew inkella bħala alternattivi għal-leġislazzjoni tal-Unjoni. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE, ir-Regolamenti tan-NU ġew inkorporati dejjem aktar fil-leġislazzjoni tal-Unjoni.
- (4) Fid-dawl tal-esperjenza u tal-iżviluppi tekniċi, jenħtieġ li jiġu adattati r-rekwiżiti relatati ma’ ċerti elementi jew karatteristiċi koperti bir-Regolamenti tan-NU Nri 6, 13, 13-H, 30, 37, 41, 43, 46, 51, 67, 79, 90, 107, 110, 118, 121, 122, 128, 140 u 142.
- (5) Sabiex jiġu stipulati dispożizzjonijiet uniformi dwar is-sikurezza tal-vetturi elettriċi, jenħtieġ li tiġi adottata l-proposta għal Regolament Tekniku Globali tan-NU (GTR).

¹ Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta’ vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

- (6) Sabiex jiġi allinjat l-użu tal-unitajiet fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (“R.E.3”) mas-sistema internazzjonali SI u biex tinkiseb l-uniformità fl-indikazzjoni tal-unitajiet ta’ kejl għall-massa tal-vetturi tal-kategorija L, M, N u O fir-R.E.3 u bejn ir-R.E.3 u l-Konvenzjoni dwar it-Traffiku fit-Toroq tal-1968, jenħtieġ li tiġi adottata l-proposta għal emenda tal-R.E.3.
- (7) Sabiex jiġu kkoreġuti u emendati xi dettalji tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kategorija tas-sors tad-dawl u biex tiġi introdotta kategorija ġdida tas-sors tad-dawl ta’ tidwil ’il quddiem b’dijodu li jemmetti d-dawl (LED) fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar l-ispeċifikazzjoni komuni tal-kategoriji tas-sors tad-dawl (“R.E.5”), jenħtieġ li jiġu adottati l-proposti għal emendi tal-R.E.5.
- (8) Sa iex jiġu aġġornati r-referenzi għall-istandards ISO fir-Riżoluzzjoni Reċiproka 1 tal-Ftehimiet tal-1958 u tal-1998 (“M.R.1”), jenħtieġ li tiġi adottata l-proposta għal emenda tal-M.R.1.
- (9) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fil-Kumitat Amministrattiv tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Ftehim Parallel fir-rigward tal-adozzjoni ta’ dawk il-proposti.
- (10) F’dawk il-Kumitati, l-Unjoni tiġi rappreżentata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Amministrattiv tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Ftehim Parallel matul il-perjodu mit-12 sas-16 ta' Marzu 2018 għandha tkun ta' vot favur il-proposti elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Nota: Id-dokumenti kollha msemmija fit-tabella ta' hawn taħt huma disponibbli għall-pubbliku fuq:
<http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/gen2018.html>

Nru tar-Regolament	Titolu tal-punt	Referenza tad-dokument
6	Proposta għas-Suppliment 29 tas-serje 01 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 6 (Indikaturi tad-direzzjoni)	ECE/TRANS/WP.29/2018/28
13	Proposta għas-Suppliment 15 tas-serje 11 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 13 (Ibbrejkjar ta' vetturi tqal)	ECE/TRANS/WP.29/2018/9
13-H	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje 01 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 13-H (Brejkijiet tal-vetturi M1 u N1)	ECE/TRANS/WP.29/2018/8
30	Proposta għas-Suppliment 20 tas-serje 02 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 30 (Tajers għall-karozzi tal-passiġġieri u l-karrijiet tagħhom)	ECE/TRANS/WP.29/2018/10
37	Proposta għas-Suppliment 46 tas-serje 03 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 37 (Sorsi tad-dawl bil-filament)	ECE/TRANS/WP.29/2018/29
41	Proposta għas-Suppliment 6 tas-serje 04 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 41 (Emissjonijiet ta' ħsejjes tal-muturi)	ECE/TRANS/WP.29/2018/6
43	Proposta għas-Suppliment 7 tas-serje 01 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 43 (Ħġieġ tas-sikurezza)	ECE/TRANS/WP.29/2018/15

Nru tar-Regolament	Titolu tal-punt	Referenza tad-dokument
46	Proposta għar-Rettifika 1 tar-Reviżjoni 5 tar-Regolament tan-NU Nru 46 (Tagħmir għall-viżjoni indiretta)	ECE/TRANS/WP.29/2018/16
46	Proposta għar-Rettifika 1 tar-Reviżjoni 6 tar-Regolament tan-NU Nru 46 (Tagħmir għall-viżjoni indiretta)	ECE/TRANS/WP.29/2018/17
51	Proposta għas-Suppliment 3 tas-serje 03 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 51 (Il-ħoss tal-vetturi tal-kategoriji M u N)	ECE/TRANS/WP.29/2018/7 ECE/TRANS/WP.29/2018/7/Add.1
67	Proposta għas-Suppliment 15 tas-serje 01 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 67 (Vetturi LPG)	ECE/TRANS/WP.29/2018/18
79	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje 02 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 79 (Tagħmir tat-tmun)	ECE/TRANS/WP.29/2018/11
79	Proposta għas-serje 03 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 79 (Tagħmir tat-tmun)	ECE/TRANS/WP.29/2018/35
90	Proposta għas-Suppliment 4 tas-serje 02 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 90 (Sostituzzjoni tal-partijiet tal-brejkijiet)	ECE/TRANS/WP.29/2018/12
107	Proposta għas-Suppliment 7 tas-serje 06 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 107 (Vetturi tal-kategoriji M ₂ u M ₃)	ECE/TRANS/WP.29/2018/19
107	Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje 07 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 107 (Vetturi tal-kategoriji M ₂ u M ₃)	ECE/TRANS/WP.29/2018/20
107	Proposta għas-serje 08 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 107 (Vetturi tal-kategoriji M ₂ u M ₃)	ECE/TRANS/WP.29/2018/21
110	Proposta għas-serje 03 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 110 (Vetturi CNG u LNG)	ECE/TRANS/WP.29/2018/22

Nru tar-Regolament	Titolu tal-punt	Referenza tad-dokument
118	Proposta għas-Suppliment 4 tas-serje 02 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 118 (Għaġir ta' ħruq tal-materjali)	ECE/TRANS/WP.29/2018/23
118	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje 03 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 118 (Għaġir ta' ħruq tal-materjali)	ECE/TRANS/WP.29/2018/24
121	Proposta għas-Suppliment 10 tar-Regolament tan-NU Nru 121 (Identifikazzjoni tal-kontrolli, tal-indikaturi operatorji u tal-indikaturi)	ECE/TRANS/WP.29/2018/25
121	Proposta għas-Suppliment 3 tas-serje 01 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 121 (Identifikazzjoni tal-kontrolli, tal-indikaturi operatorji u tal-indikaturi)	ECE/TRANS/WP.29/2018/26
122	Proposta għas-Suppliment 4 tar-Regolament tan-NU Nru 122 (Sistemi ta' tisħin)	ECE/TRANS/WP.29/2018/27
128	Proposta għas-Suppliment 7 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 128 (Sorsi tad-dawl LED)	ECE/TRANS/WP.29/2018/30
140	Proposta għas-Suppliment 1 tar-Regolament tan-NU Nru 140 (Kontroll Elettroniku tal-Istabbiltà (ESC))	ECE/TRANS/WP.29/2018/13
142	Proposta għas-Suppliment 1 tar-Regolament tan-NU Nru 142 (Installazzjoni tat-tajers)	ECE/TRANS/WP.29/2018/14
R.E.3 tan-NU	Proposta għal emenda tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3)	ECE/TRANS/WP.29/2018/31
R.E.5 tan-NU	Proposta għall-Emenda 1 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar l-ispeċifikazzjoni komuni ta' kategoriji ta' sorsi tad-dawl (R.E.5)	ECE/TRANS/WP.29/2018/32
R.E.5 tan-NU	Proposta għall-Emenda 2 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar l-ispeċifikazzjoni komuni ta' kategoriji ta' sorsi tad-dawl (R.E.5)	ECE/TRANS/WP.29/2018/33

Nru tal-GTR	Titolu tal-punt tal-aġenda	Referenza tad-dokument
GTR tan-NU (ġdid)	Proposta għal Regolament Tekniku Globali tan-NU ġdid dwar is-Sikurezza tal-Vetturi Elettriċi (EVS)	ECE/TRANS/WP.29/2017/138

Punt	Titolu tal-punt tal-aġenda	Referenza tad-dokument
M.R.1 tan-NU	Proposta għal emenda tar-Riżoluzzjoni Reċiproka Nru 1 tal-Ftehimiet tal-1958 u tal-1998 (M.R.1)	ECE/TRANS/WP.29/2018/36
